

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-9 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour d'appel de Liège – il-Belġju) – État belge vs Oxycure Belgium SA

(Kawża C-573/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 98 (2) — Punti (3) u (4) tal-Anness III — Prinċipju ta' newtralità fiskali — Trattament mediku bl-ossiġenu — Rata mnaqqa ta' VAT — Tankijiet tal-ossiġenu — Rata normali ta' VAT — Konċentraturi ta' ossiġenu)

(2017/C 144/12)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Liège

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: État belge

Konvenuta: Oxycure Belgium SA

Dispożittiv

L-Artikolu 98(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u l-punti (3) u (4) tal-Anness III ta' din id-direttiva, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ttiprovdi li r-rata normali ta' taxxa fuq il-valur miżjud tapplika għall-kunsinna jew għall-kiri ta' konċentraturi tal-ossiġenu, minkejja li din il-leġiżlazzjoni ttiprovdi rata mnaqqa ta' taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għall-kunsinna ta' tankijiet tal-ossiġenu.

⁽¹⁾ ĠU C 38, 01.02.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-9 ta' Marzu 2017 – Samsung SDI Co. Ltd, Samsung SDI (Malaysia) Bhd vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-615/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Akkordji — Suq dinji tat-tubi katodiċi għas-settijiet tat-televiżjoni u għall-monitors tal-kompjuter — Ftehimiet u prattiki miftiehma fil-qasam ta' prezz, ta' tqassim tas-swieq u tal-klijenti u tal-limitazzjoni tal-produzzjoni — Multi — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi (2006) — Punt 13 — Determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ fir-rigward tal-ksur)

(2017/C 144/13)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Samsung SDI Co. Ltd, Samsung SDI (Malaysia) Bhd (rappreżentanti: M. Struys, A. Fall, L. Eskenazi u C. Erol, avukti)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Biolan, G. Meessen u H. van Vliet, aġenti)